MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 114/2014

**Perit Mariello Spiteri**
**ID395865-(M)**

**vs**

**Pada Builders Limited**
**C9772**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta’ elf, tlett mija u tlett ewro, tlieta u disghin centezmu (€1,303.93c), ammont rapprezentanti l-prezz tas-servizzi rezi mill-attur fuq inkarigu tas-Socjeta’ konvenuta fir-rigward ta’ *TN-0004/08 Tender for Civil Works at Ta’ Qali Crafts Village* li baqa’ ma thallas minkejja illi s-Socjeta’ konvenuta giet interpellata sahansitra permezz ta’ Ittra Ufficjali datata 19 ta’ Mejju, 2011.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fil-konfront tas-Socjeta' konvenuta nhar id-19 ta' Mejju, 2011, u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-Socjeta' konvenuta illi tibqa' ngunta in Subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi l-pretensjoni ta' l-attur hija nfondata billi, fost hwejjeg ohra, huwa ma kellux l-inkarigu li jallega li rcieva da parti tas-Socjeta' konvenuta.

Ra r-rikors tas-Socjeta' konvenuta datat 3 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu s-Socjeta' konvenuta talbet illi tigi awtorizzata sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri, dwar preskrizzjoni; ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu l-attur gie awtorizzat sabiex iressaq ir-risposta tieghu; ra r-risposta tal-attur datata 7 ta' Frar, 2014; ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 3 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu giet milqugha t-talba tas-Socjeta' konvenuta sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni.

Ra n-nota tas-Socjeta' konvenuta datata 14 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi din is-Sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta' konvenuta.

Illi l-attur jiddikjara illi s-servizzi tieghu gew inkarigati mid-Direttur tas-Socjeta' konvenuta, li flimkien mad-Diretturi fi hdan tliet (3) Socjetajiet ohra, talbuh sabiex ihejji dokumentazzjoni relattiva ghas-sottomissjoni ta' tender in rigward xogholijiet ta' rikostruzzjoni ta' toroq fil-Crafts Village f'Ta Qali. Illi t-tliet (3) Socjetajiet l-ohra kienu Penza Tarmac Limited, Tal-Maghtab Construction Company Limited u Gatt Tarmac Limited. Illi l-ammont mitlub f'din il-kawza jirraprezenta kwart (1/4) mit-total, ghaliex it-tlett kwarti

(3/4) l-ohra gew apporzjonati bejn it-tliet (3) Socjetajiet kummercjali l-ohra. Illi l-istess attur spjega dettaljament f'hiex kien jikkonsisti x-xoghol li gie mwettaq minnu u impjegati fi hdan l-ufficju tieghu, u jsostni illi l-inkarigu mghoti lilu gie mwettaq sa ftit taz-zmien qabel li dan it-tender kellu jigi sottomess; illi tali tender kellu jigi sottomess sal-11 ta' Marzu, 2008 - u dan anke kif gie kkonfermat mill-Assistent Direttur fi hdan id-Dipartiment tal-Kuntratti. Illi gara, madanakollu, illi tali tender ma giex sottomess mis-Socjeta' konvenuta – li kienet tifforma parti minn consortium flimkien mas-Socjetajiet kummercjali l-ohra – ghaliex l-istess consortium kien jehtieg finanzjament minghand il-Bank sabiex jaghmel il-*bid bond*, liema finanzjament ma nghatax, u ghalhekk it-*Tender* ma giex sottomess. Illi l-istess Perit isostni illi f'dak li jirrigwarda t-thejjija tad-dokumentazzjoni relattiva, hu kellu kuntatt ma' *Foreman* impjegat fi hdan is-Socjeta' konvenuta, certu Noel Scicluna, kif ukoll mal-Perit Stuart Azzopardi, li kien inkarigat mill-consortium bhala punt ta' referenza ghal dak li jkun mehtieg. Illi dwar id-dokument relattiv ghat-*Tender*, u cioe' t-*Tender Document*, dan gie akkwistat minn wiehed jew uhud mid-Diretturi fi hdan is-Socjetajiet kummercjali involuti f'dan il-consortium, u nghata lill-istess attur min dawn il-persuni; illi ghalhekk l-attur isostni illi l-inkarigu nghata lilu meta gie fornit b'tali dokument, oltre illi nzamm access fuq is-sit fejn kellu jsir ix-xoghol relattiv ghal tali tender, ghal-liema access kien prezenti wkoll id-Direttur tas-Socjeta' konvenuta. Illi l-fattura mertu ta' din l-azzjoni, u li in bazi taghha qed jintalab il-hlas minghand is-Socjeta' konvenuta, hija datata 29 ta' Ottubru, 2009. Illi ghalkemm l-attur ripetutament talab il-hlas minghand id-direttur tas-Socjeta' konvenuta tal-ammont rizultanti minn din il-fattura, tali hlas baqa' ma giex imwettaq, u eventwalment l-attur sejjah laqgha flimkien mad-diretturi kollha tas-socjetajiet involuti f'dan il-consortium, sabiex tigi diskussa din il-pendenza, liema laqgha nzammet fit-18 ta' Marzu, 2010. Illi minkejja li nzammet tali laqgha, is-Socjeta' konvenuta baqghet ma wettqitx il-hlas dovut minnha.

Illi mart l-attur iddikjarat illi taf illi nharget il-fattura mertu ta' din il-kawza, u kienet ukoll taghmel kuntatt telefonikament ma' persuni fi hdan is-Socjeta' konvenuta sabiex tigbed l-attenzjoni taghhom lejn il-fatt illi tali kont kien ghadu pendenti. Iddikjarat ukoll illi taf illi nzammet laqgha mad-Ddirettur tas-Socjetajiet kummercjali involuti, madanakollu tali laqgha ma kellhix l-ezitu desiderat, u peress illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma wettqitx il-hlas, allura giet intavolata din l-azzjoni.

Illi l-Perit Stuart Azzopardi kkonferma illi l-ufficju tal-attur gie inkarigat mill-consortium sabiex ihejji d-dokumentazzjoni relattiva ghal dan it-Tender partikolari. Iddikjara illi hu, f'dak iz-zmien, kien impjegat mas-Socjeta' Penza Construction Limited. Illi ddikjara wkoll illi l-istess attur kien 'gia gie inkarigat precedentement sabiex ihejji dokumentazzjoni simili in rigward tender iehor, li kien jirrigwarda xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq f'Marsascala. Illi kien ghalhekk illi l-istess Perit issuggerixxa illi jergghu javvicinaw lill-attur sabiex ihejji d-dokumentazzjoni relattiva anke in rigward ta' dan it-Tender f'Ta Qali. Illi dan sar wara li nghata l-awtorizazzjoni mid-Direttur tas-Socjeta' li maghha kien impjegat dak iz-zmien, u wara li avvicina wkoll il-foreman fi hdan is-Socjeta' konvenuta, u cioe' Noel Scicluna, li kien il-persuna responsabbli mit-thejjija ta' tali dokumentazzjoni ghal *Tenders*. Illi eventwalment kien l-istess Perit illi nforma lill-attur illi s-Socjetajiet kummercjali in kwistjoni ma kienux aktar intenzjonati li jipprocedu bl-applikazzjoni u sottomissjoni ta' din it-tender. Illi dan seta' sar permezz ta' telefonata jew e-mail.

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta iddikjara illi kien il-*foreman* Noel Scicluna, impjegat fi hdan is-Socjeta' konvenuta, illi offra li jigbor it-*Tender Document* relattiv ghal xogholijiet li kellhom isiru fil-Crafts Village f'Ta Qali; izda waqt illi kienet qed tinzamm laqgha mill-attur flimkien mal-istess direttur tas-Socjeta' konvenuta fuq il-post fejn kellhom isiru x-xogholijiet, l-istess rapprezentant gie mgharraf mill-*foreman*, illi ma kienx tal-fehma illi jipprocedu bis-sottomissjoni ta' dan it-Tender. Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi hu, ghalhekk, avza b'dan minnufih lill-attur. Illi wara xi zmien ircieva kont minghand l-attur in rigward xogholijiet ta' thejjija ta' dokumentazzjoni relattiva ghal dan it-*Tender*, izda l-istess rapprezentant jiddikjara illi hu qatt ma accetta li jwettaq tali hlas, ghaliex kien gharraf lill-istess attur li ma kienx hemm aktar interess fil-proseguiment ta' sottomissjoni ta' dan it-*Tender*. Illi dwar l-informazzjoni illi giet riprodotta mill-attur fid-dokumentazzjoni tat-Tender mertu ta' din il-kawza, ir-rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta jiddikjara illi tali informazzjoni 'gia kienet a disposizzjoni tal-attur ghaliex kienet intuzat l-istess informazzjoni ghas-sottomissjoni ta' *Tender* iehor precedenti. Illi dwar il-laqgha li ssejhet mill-attur, id-Direttur tas-Socjeta' konvenuta ddikjara li hu attenda, madanakollu, baqa' jishaq mal-attur illi ebda ammont ma kien dovut mis-Socjeta' kummercjali rapprezentata minnu, ghaliex din ma kienitx involuta.

Ikkunsidra,

Illi l-Artikolu tal-Ligi li in forza tieghu s-Socjeta' konvenuta ssollevat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni jipprovdi ghal terminu preskrittiv ta' sentejn. Illi l-azzjoni in kwistjoni giet proposta fis-27 ta' Frar, 2012, filwaqt illi l-fattura mertu ta' din l-azzjoni hija datata 29 ta' Ottubru, 2009, u tittratta dwar xoghol u servizzi rezi mill-attur qabel il-11 ta' Marzu, 2008 – li hija d-data ta' skadenza ghas-sottomissjoni tat-Tender in kwistjoni. Illi fl-Avviz tat-Talba, kif ukoll fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Lulju, 2014, saret referenza ghall-ittra ufficjali li saret mill-attur fil-konfront tas-Socjeta' konvenuta, liema ittra hija datata 19 ta' Mejju, 2011. Illi ghalkemm l-attur irrizerva d-dritt – fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2014 – li jipprezenta kopja tal-istess ittra, manadanakollu, mill-atti processwali ma jirrizultax illi tali att gudizzjarju gie pprezentat. Illi ghalhekk mill-atti la jirrizulta meta tali ittra giet ipprezentata, u wisq anqas meta din setghet giet notifikata lis-Socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk, kwalunkwe referenza ghal tali att gudizzjarju – u l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni li tali ittra setghet gabet maghha – ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-partijiet involuti f'din il-kawza rrizulta illi l-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jottjeni hlas minghand is-Socjeta' konvenuta tal-ammont dovut in forza tal-fattura mertu ta' din l-azzjoni, inkluz li sejjah laqgha mad-Direttur tas-Socjeta' konvenuta; madanakollu, kemm mid-deposizzjoni li nghatat mill-attur u anke minn dik tad-direttur tas-Socjeta' konvenuta ma rrizultat ebda ammissjoni in rigward din il-pendenza. Anzi d-Direttur tas-Socjeta' konvenuta baqa' jsostni illi ebda ammont ma' kien dovut mis-Socjeta' msemmija. Illi ghalhekk ma jistghux jigu applikati ghall-kaz in ezami d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2151 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kemm-il darba jigi mwettaq hlas akkont tal-ammont dovut mid-debitur jew l-istess debitur jirrikonoxxi tali debitu.

Illi anke b'referenza ghal-laqgha li nzammet mill-attur mad-Direttur tas-Socjeta' konvenuta, u ohrajn, li rrizulta li nzammet fit-18 ta' Marzu, 2010, tali laqgha saret aktar minn sentejn wara li gew rezi mill-attur is-servizzi mertu ta' din il-kawza; dan tenut kont tal-fatt illi, ghalkemm il-fattura nharget fid-29 ta' Ottubru, 2009, din kienet tittratta dwar xoghol u servizzi rezi mill-attur qabel il-11 ta' Marzu, 2008, u cioe' qabel id-data ta' skadenza meta kellu jigi sottomess it-*Tender* li dwaru nharget din l-istess fattura. Illi l-istess attur effettivament iddikjara illi x-xoghol preparatorju li kellu jwettaq kien gie kompletat qabel id-data msemmija tal-11 ta' Marzu, 2008.

Illi ghalhekk, u gialadarba s-servizzi li pprovda l-attur fuq inkarigu tas-Socjeta’ konvenuta jinkwadraw ruhhom bhala drittijiet ghal servizzi rezi minn Perit, u ghalhekk kif kontemplat fl-Artikolu 2149 (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dawn gew imwettqa aktar minn sentejn qabel ma giet proposta din l-azzjoni, minghajr ma kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni kif trid il-Ligi, allura it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ din l-eccezzjoni sollevata mis-Socjeta’ konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta’ konvenuta, qed jillibera lis-Socjeta’ konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------